MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 284/2004

**Emanuel u Speranza konjugi Micallef**

**-vs-**

**Concetta Charles u b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2004 Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Veronica Rossignaud gew mahtura kuraturi deputati ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Dennis Charles**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' April, 2004 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi xtaqu jadottaw tifla mill-Pakistan, u ghalhekk

intrabtu mal-konvenuta Concetta Charles sabiex din tal-ahhar tipprovdilhom tifla ghall-adozzjoni, taht certi pattijiet u kondizzjonijiet kif jirrizulta mill-anness Dokument A.

U li ghal din l-adozzjoni l-atturi hallsu lill-konvenuta s-somma ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM5,500), liema somma nqasmet f'zewg pagamenti, u cioe' pagament ta' tlett elef lira Maltin (LM3,000) u iehor ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500).

U illi minkejja diversi weghdiet da parti tal-konvenuta l-imsemmija tifla mill-Pakistan baqghet ma waslitx u l-ftehim anness bhala Dokument A ilu li skada u ghalhekk m'ghadux jorbot lill-partijiet.

U illi ghalkemm l-atturi sejhu lill-konvenuti sabiex jaddivjenu ghar-restituzzjoni tas-somma ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM5,500) dawn baqghu inadempjenti.

U illi ghalhekk il-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom huma veru, certi u likwidi debituri a favur tal-atturi fis-somma ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM5,500).

U illi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu ghat-talbiet attrici ai termini tal-Artikolu 167 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa mis-smiegh ai termini tal-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara lill-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom bhala veru, certi u likwidi debituri a favur tal-atturi fis-somma ta' hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM5,500) dovuta kif inghad hawn fuq.

3. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta’ hamest elef u hames mitt lira Maltin (LM5,500)

Bl-imghaxijiet u bl-spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-2 ta’ Lulju 2003 u tal-1 ta’ April 2004, tar-rikors sabiex jigi appuntat kuratur biex jirraprezenta lill-assenti Dennis Charles, u tal-mandat ta’ sekwestru li qieghed jigi pprezentat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati pprezentata fl-1 ta’ Lulju, 2004 li permezz taghha eccepew;

1. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-kuraturi deputati pprezentata fid-19 ta’ Novembru, 2004 li permezz taghha eccepew;

1. Preliminarjament, illi l-konvenut Dennis Charles ma setax jigi mharrek f’din il-kawza peress li, skond l-atturi stess, il-ftehim dwar l-adozzjoni sar mal-konvenuta Concetta Charles biss. Ghalhekk, ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u l-konvenut Dennis Charles, li konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi.

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju, il-konvenut Dennis Charles kien f'impossibilita' assoluta li jonera l-ftehim iffirmat mill-atturi mal-konvenuta wahedha peress li huwa gie mizmum mill-Awtoritajiet gewwa l-Pakistan sa l-ezitu ta' l-investigazzjonijiet intensivi li saru minnhom in konnessjoni ma' l-allegazzjonijiet li tfal mill-Pakistan qeghdin jigu ssekwestrati u li qighdin jintuzaw ghat-trapjanti ta' l-organi taghhom. Ghalkemm, skond l-ahhar taghrif, il-konvenut wasal biex jithalla jitlaq mill-Pakistan, sallum huwa ghadu f'dak il-pajjiz, jithabat biex l-adozzjonijiet lejn Malta jkunu jistghu jitkomplew.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu, 2006 u dawk sussegwenti li permezz taghhom il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza ftit tipprezenta diffikotajiet. L-atturi ftehmu mall-konvenuta biex din tipprokuralhom tarbija ghall-adozzjoni u hallsu s-somma ndikata fic-citazzjoni. Meta l-konvenuta naqset li tadempjixxi l-parti taghha ta' l-obbligazzjoni talbu flushom lura. Il-konvenuta mhux biss baqghet kontumacji izda fix-xhieda taghha ammettiet it-talba.

Il-kwistjoni hija biss jekk il-konvenut zewgha kellux jitharrek ukoll. Kif sewwa rrimakat din il-Qorti fis-sentenza msemmija mill-atturi fin-nota taghhom u cioe' <u>Decesare vs Cutajar nomine</u> (30 ta' Marzu, 2004), l-Artikoli 1316, 1320 u 1321 tal-Kapitolu 16 jindikaw car u tond li negozju guridiku simili jidhol fil-komunjoni ta' l-akkwisti u billi l-qliegh minnu jidhol fil-komunjoni huwa naturali allura li anke dak li jirrizulta dovut ikun dejn tal-komunjoni. Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-kuraturi

ghandhom jigu michuda, independentement mill-fatt jekk il-konvenut ippartecipax fin-negozjati jew iffirmax ukoll il-kuntratt.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjonjijiet tal-kuraturi deputati u fil-kontumacja tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti. L-atturi pero' ghandhom provizorjament ihallsu l-ispejjes u drittijiet tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------